MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2014

Appell Civili Numru. 80/2010/1

**James Spiteri**

**v.**

**Joseph Magro u Untours Insurance Agents Limited bhala agenti tas-Socjeta` estera Qatar Insurance Company Limited**

Il-Qorti,

Rat ir rikors guramentat tal-attur li gie pprezentat fid-29 ta' Jannar 2010 li jaqra hekk:

"1. Illi nhar l-14 ta' Dicembru 2008 sehh incident awtomobilistiku gewwa Triq Aldo Moro, Marsa ghall-habta ta' l-10.30a.m. illi kien jinvolvi l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JUN 722, misjuqa mill-attur, il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAG 915, misjuqa mill-konvenut Joseph Magro u assigurata mas-socjeta` konvenuta Untours Insurance Agency Limited, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCH 658, misjuqa minn certu Joseph Fenech u dan skond ma jirrizulta mir-Rapport relattiv illi kopja tieghu gie prezentat mar-rikros u mmarkata bhala Dok RF1;

"2. Illi l-imsemmi incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Joseph Magro, bhal ma *del resto* diga` ammess minnu tramite l-kumpanija assiguratrici tieghu s-socjeta` konvenuta Untours Insurance Agents Limited illi effettivament diga` hallset ghad-danni kawzati bhala rizultat ta' l-incident *de quo* fil-vettura misjuqa mill-attur u dan minghajr pregudizzju ghad-danni li l-istess attur seta` jirreklama in konnessjoni mad-dizabilita` permanenti li huwa seta' sofra bhala rizultat ta' l-istess incident u dan skond ma jirrizulta mid-dokumentazzjoni relattiva li kopja taghha giet prezentata u immarkata bhala Dok RF2;

"3. Illi bhala konsegwenza ta' l-incident *de quo* l-attur sofra dizabilita` permanenti u dan kif ser jirrizulta tul it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

"4. Illi minkejja li gew debitament interpellati sabiex jaghmlu tajjeb ghad-danni rapprezentati mill-imsemmija dizabilita` permanenti, il-konvenuti ghalkemm inizjalment urew id-disponibilta` taghhom illi jittransigu din il-vertenza, baqghu effettivament inadempjenti;

“5. Illi dawn il-fatti hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza ta’ l-attur.

“B. Raguni ghat-talbiet f’dawn il-proceduri

“6. Illi l-prezenti proceduri saru sabiex dina l-Qorti fl-ewwel lok tiddikjara li l-konvenut Joseph Magro kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar l-14 ta’ Dicembru 2008 gewwa Triq Aldo Moro, Marsa ghall-habta ta’ l-10.30 a.m. u konsegwentement tillikwida d-danni sofferti mill-attur in vista tad-dizabilita` ta’ natura permanenti li huwa sofra bhala rizultat ta’ l-incident *de quo occorrendo* bl-opera ta’ periti nominandi u tordna lill-konvenuti b’mod *in solidum* bejniehtom sabiex ihallsu favur l-attur id-danni minnha hekk likwidati;

“C. TALBIET ATTRICI

“Ghaldaqstant jghidu l-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

“1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut Joseph Magro kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar l-14 ta’ Dicembru 2008 gewwa Triq Aldo Moro, Marsa ghall-habta ta’ l-10.30 a.m.

“2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur in vista tad-dizabilita` ta’ natura permanenti li huwa sofra bhala rizultat ta’ l-incident *de quo occorrendo* bl-opera ta’ periti nominandi.

“3. Tordna lill-konvenuti b’mod *in solidum* bejniethom sabiex ihallsu favur l-attur id-danni minnha hekk likwidati.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta tal-konvenuti li in forza taghha eccepew:

"1. Illi r-responsabilita` ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni qed tigi ammessa.

"2. Illi t-talbiet ghall-kumpens maghmula bonarjament ghad-danni subiti kienu ferm ezagerati.

"3. Illi kien ghalhekk biss li ma sarx ftehim bonarju ghall-hlas ta' kumpens.

"4. Salvi eccezzjonjiet ohra permessi mil-ligi."

Rat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili moghtja fil-24 ta' Jannar 2011 li permezz taghha, wara li kkummentat li ma kienx hemm lok ta' indagini dwar l-ewwel talba stante l-ammissjoni ta' responsabbilita`, ikkundannat lill-konvenuti solidalment biex ihallsu lill-attur is-somma ta' €73,192.68, bl-ispejjez ukoll a kariku tal-istess konvenuti eccetto dawk dwar l-ewwel talba li kellhom ikunu bla taxxa;

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti li permezz tieghu huma talbu illi din il-Qorti:

"… … … joghgobha tiddikjara nulla u bla effett is-sentenza moghtija mill-Ewwel Onor. Qorti stante li r-rapporti medici maghmula minn Mr. Carmel Sciberras u Dr. Etienne Muscat huma nulli u bla effett ghar-ragunijiet fuq esposti u konsegwentement tibghat l-Atti ta' dan l-Appell lura lill-Ewwel

Onorabbli Qorti fl-istadju opportun ossia ghal mument tal-hatra tal-periti medici nominati mill-Ewwel Onor. Qorti.

“Subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost huwa mitlub li din l-Onor. Qorti tal-Appell taghti percentagg ta’ dizabbilita` kombinat li jirrispekkja ahjar u fis-sewwa il-fatti ta’ din il-kawza.

“Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti appellat.”

Rat ir-risposta tal-appellat li permezz taghha wara illi irrespinga l-aggravji tal-appellanti fir-rigward tas-sentenza msemmija ippropona wkoll appell incidentali fejn talab li jigi ordnat ukoll il-hlas tal-imghaxijiet b’effett mid-data tal-istess sentenza u cioe` l-24 ta’ Jannar 2011;

Illi l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha b’dan il-mod;

“***<u>D1. Fatti tal-kaz:</u>***

“Illi ghalhekk jirrizulta li r-responsabbilta` ghall-incident f’dan il-kaz hija ammessa. Jirrizulta wkoll li sar hlas minn Untours Insurance Agence Limited ghan-nom ta’ Qatar Insurance Company Limited fis-somma ta’ €7,000 *in full and final settlement of all damages sustained in vehicle bearing registration number* JUN-722, konsegwenza ta’ l-incident fi Triq Aldo Moro, Marsa fl-14 ta’ dicembru 2008. Irrizulta li ma sarx hlas ghat-*towing* li sewa €145. Ir-rikorrent esebixxa ricevuti relativi ghal spiza ta’ €11,485.11 (ricevuti JS6 sa JS18A).

“Ir-rikorrent esebixxa relazzjoni peritali ta’ Mr. Grixti, espert ortopediku, li wasal ghall-konkluzjoni ta’ dizabilita` ta’ 12%. Esebixxa wkoll relazzjoni tal-

Psikjatra Dr. Peter Muscat li ikkonkluda li r-rikorrent kien qed isofri minn *Reactive Depression* u minn *Post-Traumatic Stress Disorder*. Kien tah il-pilloli u li sa Frar 2010 kien ghadu jiehu. Dr. Muscat ikkonkluda li hu kien qed ibati minn dizabilita` psikologika ta' 50%.

"Irrizulta wkoll li xoghol ir-rikorrent huwa wiehed ta' strapazz u mill-1 ta' Jannar 2009 spicca bla paga sat-18 ta' Ottubru 2009 meta fid-19 ta' Ottubru 2009 sab xoghol iehor ma' Lufthansa Teknik izda qal li ma kienx facli li jsib xoghol alternattiv u li sa Frar 2010 kien ghadu *on probation*. Dwar l-impieg tieghu qal li hu kien jahdem ma' GS Specialist Vehicles Limited u kellu paga *gross* ta' €10,133 fis-sena. Hu esebixxa l-FS3 relativa.

"Rat illi Mr. Carmel Sciberras bhala espert ortopediku wasal ghall-konkluzjoni ta' 8% dizabilita` u li Dr. Etienne Muscat bhala espert psikjatriku ikkonstata *functional impairment loss* ta' 44%.

"***<u>D2. Lucrum cessans:</u>***

"L-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili [Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta] jistipula kif ghandhom jitqiesu d-danni:

> "Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib."

"Ghalhekk il-Qorti ghandha l-obbligu li tezamina t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`, it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali li jinkorri fih id-danneggjat; u dak it-telf ta' qligh futur, ossia *lucrum cessans,* li d-danneggjat ikun prekluz li juzufruwixxi minnu minhabba l-event sinistru kawza ta' l-eghmil dirett tad-danneggjant.

"***<u>D3. Multiplier:</u>***

“Fis-sentenza ta’ din il-Qorti kif presjeduta tal-10 ta’ Mejju, 2005 fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley vs Edward u Lydia konjugi Restall** - Citazz. Nru.: 154/02FS inghad:

“Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta’ likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza **Butler vs Heard** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta’ Dicembru, 1967. F’dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-"*chances and changes of life*", b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni.

“Izda l-figura uzata ghall-iskop tal-*Multiplier* mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-istess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Lambert vs Buttigieg** deciza fit-18 ta’ April, 1963 kienet qalet:

"f'din il-materja ta' *lucrum cessans* il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."

“Fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut v. Eric Zammit** deciza mill-Onor. Qorti ta’ l-Appell Civili Superjuri fit-3 ta’ Dicembru, 2004 intqal:

“Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-‘*multiplier*’ adottat mill-Qorti ta’ l-ewwel grad huwa pjuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f’kawzi ghar-rizarciment ta’ danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-‘*multiplier*’ u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b’mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*. Izda fir-rigward ta’ telf ta’ qligh li dik il-persuna tbati ‘l quddiem

minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li "Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta' inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

"Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta' ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta' '**Buttler vs Heard**' – b'dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala '*lucrum cessans*' - jipprova jimprimi sens ta' gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu."

"Il-*multiplier* adoperat varja u kien ta' 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004, ta' 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967, 15-il sena fuq persuna ta' 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29-Ott-1970, ta' 18 fuq persuna ta' 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982, ta' 18 fil-kaz ta' persuna ta' 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980, ta' 25 fil-kaz ta' persuna ta' 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004, ta' 26 fil-kaz ta' persuna ta' 35 sena **Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005, ta' 35 fil-kaz ta' persuna ta' 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004, ta' 36 fil-kaz ta' persuna ta' 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

"Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta' *Multiplier*. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta' *multiplier* kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija].

"Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta' certu uniformita` f'dan l-aspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf minn qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull kaz trid tarah ghalih izda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta'

*insurance* ikunu jistghu jirreferu ghaliha tkun ta’ utilita` kbira. Ghalhekk il-Qorti kif presjeduta sejra tuza c-*chart* hawn taht:

| **Eta' Vittma** | ***Multiplier*** |
|---|---|
| | Massimu |
| 0 - 15 | 40 |
| 16 - 20 | 37 |
| 21 - 25 | 35 |
| 26 - 30 | 30 |
| 31 - 35 | 25 |
| 36 - 40 | 20 |
| 41 - 45 | 15 |
| 46 - 50 | 13 |
| 51 - 55 | 11 |
| 56 + | 5 jew anqas |

“Wara li l-Qorti qieset dawn il-fatturi, inkluz l-eta` tar-rikorrenti meta sar l-incident – 48 tqis li ghandha tadopera *multiplier* ta’ 13 ghall-kaz in ezami.

“***<u>D4. Paga u gholi tal-hajja:</u>***

“Spiss li l-Qrati uzaw il-paga minima fejn ma kienx facli li l-Qorti tasal biex tistabbilixxi xi figura ohra. Izda fil-kaz in ezami ghandna r-rikorrent kien qed jaqla’ salarju *gross average* ta’ €10,133 riferibbli ghas-sena bazi 2008. Normalment il-paga minima nazzjonali titla’ b’€303.78 kull sena. Dan ifisser li kull sena l-paga kienet ser tizdied b’€303.78 ghal 13-il sena [u jekk wiehed jiehu l-medja, dan ifisser il-medja tas-salarju fid-data ta’ l-incident (€10,133) u dak tal-ahhar salarju (€3,949.14 + €10,133 = €14,082.14) ossia €10,133 + €14,082.14 /2 = €12,107.57] u <u>jwassal ghal €12,107.57</u>.

“***D5. Dizabilita`:***

“Hawnhekk il-Qorti trid tqis il-persentagg ta’ dizabilita` li ssofri l-vittma bhala konsegwenza ta’ l-incident, b’mod li tqis in-nuqqas fl-*individual industrial efficiency* ta’ l-attur. Infatti, kif gie ritenut f’**Butler vs Heard**:

> “Dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta’ inkapacita` f’sens purament mediku, izda l-effett li l-hsara personali ghandha fuq il-qligh tad-danneggjat. Ir-riduzzjoni effettiva tal-qligh tista’ ma tikkorrispondix mal-grad ta’ menomazzjoni fizika tad-danneggjat kalkolat mit-tabib.”

“Ara f’dan is-sens ukoll is-sentenza fl-ismijiet **Joseph Abela vs Martin Spagnol**, deciza fit-30 ta’ Marzu 1993 (1098/89JSP) per Imhallef J. Said Pullicino; u **Xuereb vs Spalding *et***, deciza mill-Prim’Awla, Imhallef J. R. Micallef, fl-10 ta’ Lulju 2003, Citazz. Nru. 1857/01JRM, pagna 8 *et*; u tezi “*Quantum of damages in Injury Claims*”, Carmel A. Agius – *The method of assessing the degree of the incapacity caused*, pagna 125.

“Kif inghad mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta’ Jannar 1973 fil-kawza **Borg *pro et noe* vs Muscat**:

> “l-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga’ tpoggi lil min ikun soffrihom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn”

“U ghalhekk il-principju applikabbli huwa *restitutio in integrum*.

“Fil-kawza fl-ismijiet **Paul Debono vs Malta Drydocks** (Cit. Nru. 747/96PS), deciza fis-27 ta’ April 2005 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Philip Sciberras, inghad:

> “Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi t-telf ta’ qliegh futur minhabba l-

> inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-cirkustanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' linkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneggjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja. Innegabilment, pero`, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuza, kif hekk jirrizulta minn semplici raffront tad-diversi decizjonijiet in materja."

"Issa, hu car ukoll li a bazi tal-ligi taghna kwantifikazzjoni tad-danni bil-fors tibqa' f'latudini wiesgha u diskrezzjonali tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm jezistu principji dawn certament ma humiex assoluti (ara f'dan is-sens **Bottone vs Saliba** pagna 9; u **Joseph Borg vs Dr. Arturo Valenzia *nomine***, Prim'Awla, 9 ta' Gunju 1972; u **Bugeja vs Borg**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 11 ta' Mejju 1983).

"It-**Torrente** fil-ktieb tieghu *Manuale di Diritto Privato*, 11 Ed. pag. 652 jikteb:

> "*la valutazione del danno puo` essere particolarmente laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E` giusto, pertanto, che al giudice sia attribuito in materia in quando le parti non riescano a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo*";

"*Personal injuries* huma normalment klassifikati fi tliet kategoriji u cioe`:

"a) *total wreck cases* fejn tirrizulta inkapacita` kompleta ghax-xoghol (eg. *severe brain injury*),

"b) *partial wreck cases* fejn il-persuna kollha tkun affettwata izda b'differenza mill-kategorija precedenti tibqa' l-kapacita` li tahdem u tgawdi l-hajja (eg. *brain injuries resulting in personality change and multiple injuries with grave disfigurement*),

"c) telf ta' partijiet specifici tal-gisem.

"Inoltre kif intqal fis-sentenza **Peter Sultana vs Anthony Abela Caruana**, Appell Civili, 15 ta' Jannar 2002:

> "Ma hemmx ghalfejn jinghad li d-debilita` permanenti ma kienx necessarju li tkun wahda fizika li timmenoma persuna fil-possibiltajiet tieghu ta' xoghol minhabba limitazzjoni fil-funzjoni ta' xi organu. Setghet ukoll tkun debilita` psikika li timmanifesta ruhha f'kundizzjoni li negattivament tinfluwenza l-kapacita` ghax-xoghol ta' l-individwu... "

"Principju iehor ta' importanza kardinali hu dak li hareg minn dak fuq kwotat f'**Butler vs Heard** fejn inghad:

> "izda l-effett li l-hsara personali ghandha fuq il-qligh tad-danneggjat."

"Huwa logiku li telf ta' subgha ghal persuna normali huwa kaz differenti minn telf tieghu ghal pjanista; bl-istess mod, telf ta' ghajnejn ghal pilota huwa aktar serju ghal skop ta' *lucrum cessans* minn telf f'kaz ta' persuna normali.

"Aspett iehor importanti hija l-komputazzjoni f'kaz ta' *multiple injuries* u s-sistema li jintuza biex jinhadem.

"Lord Justice Morris, fil-kawza **Scott vs Musial**, stqarr:

> "*The fixation of damages is so largely a matter of opinion or of impression that differences of calculation or assessment are to be expected. There is to some extent an exercise of judicial discretion*."

"L-awtur **Munkman** fil-ktieb tieghu *Damages for personal injuries and Death* jispecifika li:

> "One method of assessment is to consider the sort of figure awarded for total incapacity, and estimate how far the case falls *short of total incapacity; another approach is to see how the disability compares with the loss of a leg or other limb*."

“Fil-kawza deciza minn din il-Qorti, per Imhallef G. Valenzia fit-30 ta’ April 2001, fl-ismijiet **Joseph Bartolo *et* vs George Zammit**, il-Qorti ghaddet id-dizabililta` relativa ghan-nuqqas ta’ toghma u xamm (20%), *post concussional syndrome* (5%), possibbilta` epilepsija (9%), telf ta’ vista (12%) u *disfigurement* (2%), total ta’ 48%. Fis-sentenza **Saviour Sammut *et* vs Robert Demanuele**, 326/98GV deciza fit-12 ta’ Lulju 2002 per Imhallef G. Valenzia, il-Qorti wkoll ghaddet flimkien it-18% riferibbli ghall-ksur fin-naha tal-lemin tal-*pelvis* mal-20% tan-nuqqas fil-vista u waslet li t-38% jirrapprezenta grad ta’ inkapacita` li jirrispekkja telf ta’ indipendenza konsegwenti ghal danni li l-attrici sofriet fil-vista u f’riglejha.

“Fis-sentenza **Paul Bottone *et noe* vs Rita Saliba *et***, deciza fis-7 ta’ Jannar 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili, Imhallef Ray Pace, f’pagna 15 inghad:

> “Illi l-kwistjoni li jifdal hija jekk dawn iz-zewg persentaggi ta’ dizabilita` fizika (8%) u dik psikologika (21.42%) ghandhox jinghaddu flimkien biex jirrizulta persentagg wiehed jew jekk jittehidx *average*. Din il-Qorti taghzel li ma tghoddx iz-zewg persentaggi flimkien imma li taghti persentagg wiehed li jikkomprendi t-tnejn u fil-kaz odjern thoss li l-persentagg ta’ dizabilita` permanenti ghandu jkun ta’ 25%.”

“Fil-kawza fl-ismijiet **Xuereb vs Spalding *et***, deciza mill-Prim’Awla, Imhallef J. R. Micallef, fl-10 ta’ Lulju 2003, Citazz. Nru. 1857/01JRM, il-percentwali ta’ dizabilita` stabbilit mill-Qorti kien dak *weighted* f’percentwali globali.

“Fil-kawza fl-ismijiet **Maria Debono vs Andrew Vaswani**, Citazz. Nru. 48/94, deciza fit-3 ta’ ottubru 2003 mill-Qorti Civili Prim’Awla, per Imhallef Philip Sciberras, fir-relazzjoni peritali kien intqal li l-persentagg ta’ dizabilita` ta’ 18% ta’ snien jew xedaq kien gie assommat ma’ dak ta’ l-24% ghal griehi fil-wicc skond l-espert dentali u b’hekk lahhaq 43%. Hawn il-Qorti f’pagna 8 qalet:

> “Sewwa irrilevat l-attrici fin-Nota responsiva ta’ sottomissjonijiet taghha (fol. 83) illi z-zewg esperti ma ghamlu l-ebda “*overlapping*” billi l-wiehed (Dr. Zammit Maempel) “eskluda kwalunkwe konsiderazzjoni ta’ snien jew xedaq” fl-evalwazzjoni tieghu, mentri l-iehor (Prof. Portelli) attribwixxa percentwali ta’ dizabilita` “li jkopri biss il-wicc;””

"Ghalhekk jidher li minhabba diskezzjoni mhollija f'idejn il-gudikanti, diversi qrati u awtoritajiet taw sistemi diversi ta' kif jinhadem il-valur kombinat meta l-vittma tbati minn diversi persentaggi ta' dizabilita` relativi ghal diversi *injuries* jew *impairment ratings*.

"Il-Qorti trid tezamina l-aspett ta' *Lucrum Cessans* u *Combined Values* meta tigi biex tistabbilixxi l-persentagg ta' dizabilita` totali ta' persuna jekk bhala kawza ta' l-incident ikunu irrizultaw diversi *injuries* (*impairment ratings*). Infatti wara li jgu stabbiliti l-*impairment ratings* ghall-kundizzjonijiet kollha kawza ta' l-incident, fil-fehma tal-Qorti kif presjeduta ma tasalx ghal percentagg ta' disabilita` billi tghodd l-*impairment ratings* f'daqqa, izda billi tuza l-formula taht imsemmija. Din hi bazata fuq il-principju tal-"*whole person impairment*" u li tghaqqad flimkien id-diversi *ratings* kif modifikati, tibda bl-akbar u tahdem it-tieni fuq ir-rimanenti; u tibqa' dejjem miexi hekk.

"Dan iwassal ghall-applikazzjoni tal-formula segwenti:

Valur kombinat ta' A u B = A + B (1 - A/100) irrontondat ghall-aktar *integer* vicin. Bl-istess mod jekk ikun hemm *impairment ratings* ohra, dawn jigu mahdumin bl-istess sistema, u cioe` billi tapplika l-persentagg fuq ir-*remaining capacity*.

"Mir-rapport mediku ta' Mr. Carmel Sciberras [a fol 63 *et* tal-process] jirrizulta li d-dizabilita` prezenti ta' l-attur hija ta' 8% ; u ta' Dr. Etienne Muscat [a fol 68 *et*] ta' 44%. Permezz tal-fomula fuq uzata, wiehed irid jasal ghal valur kombinat ta' 44 + 8 (1 – 44/100) u cioe` 49%.

"***D6. Lump Sum Payment:***

"L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-*lump sum payment* b'ammont ekwivalenti ghal 20% meta jkunu ghadda zmien qasir mill-event damnuz u s-sentenza finali [**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta' Lulju, 2001]. Fil-kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta' Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta' dewmien. Gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza:

"jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-*lump sum deduction*" – **Agius vs Fenech** 29 ta' Ottubru, 2003."

"Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16-Mar-1999 u **Caruana A vs Camilleri O** App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% gie mnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3-Ott-2003, 5% f'**Scicluna vs Meilaq** PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f'**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena.

"Izda ghall-kaz in ezami l-incident gara fid-14 ta' Dicembru 2008 u s-sentenza qed tinghata sentejn sentejn wara. Fil-fehma tal-Qorti jrid ikun hemm tnaqqis ta' 18%.

"***D7. Kunsiderazzjonijiet ohra:***

"Kunsiderazzjonijiet ohra ta' dan it-tip ta' kawzi bhal kuncett tal-konsum personali, u tad-*dependency issue* ma humiex applikabbli ghal dan il-kaz.

"***D8. Likwidazzjoni ta' l-ammont ta' lucrum cessans:***

"Ghalhekk il-Qorti trid issa tillikwida l-ammont dovut.

"I. Il-qligh medju annwali ta' l-attur [€10,133] inkluz l-gholi tal-hajja jammonta ghal €12,107.57.

"II. Irid jitqies *multiplier* ta' 13. Dan igib l-ammont ta' €157,398.41;

"III. il-Qorti trid tqis il-grad ta' disabilita` li f'dan il-kaz hu ta' 49% u ghalhekk jammonta ghal €77,125.22;

"IV. wara jrid jitnaqqas 18% tal-*lump sum payment* u dan iwassal ghal bilanc ta' €63,242.68;

"***D9. Damnum emergens:***

"Kawza ta' l-incident ir-rikorrenti tilef il-karozza izda thallas €7,000 taghha *in full settlement* (fol 10 u 11 tal-process). Inoltre sofra *towing expenses* ta' €145, spejjez medici ta' €1,485 (Dokumenti JS6 sa JS18A), telf ta' introjtu bejn l-1 ta' Jannar 2009 u t-18 ta' Ottubru 2009 - €8320 (meta wiehed iqis ukoll l-gholi tal-hajja). L-ammont kollu ta' *damnum emergens* ghalhekk jammonta ghal €9,950.

"Ghalhekk meta tghodd l-ammont dovut bhala *Lucrum Cessans* ma' dak dovut bhala *Damnum Emergens*, dan iwassal ghall-ammont ta' €73,192.68.

"Dan kollu jista' jigi facilitat permezz ta' uzu ta' "*Excel"* billi tintuza l-formola hawn taht:

| | | |
|---|---|---|
| Basic pay | B | 10133 |
| Multiplier | M | 13 |
| Lump sum payment | L | 18 |
| Dizabilita` | D | 49% |
| Gholi tal-hajja | G | 303.78 |
| | | |
| Amount due | | €73,192.68 |
| | | |

“**E. KONKLUZJONIJIET:**

“L-intimati eccepew primarjament li r-responsabilita` ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni giet ammessa. B’hekk il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tindaga dwar dan l-aspett.

“Sekondarjament, l-intimati sostnew li t-talbiet ghall-kumpens maghmula bonarjament ghad-danni subiti kienu ferm ezagerati. Ghalhekk il-Qorti hadmet dettaljatament hawn fuq u issostanzjat b’gurisprudenza r-ragunijiet fuq xiex dawn gew bazati.

“Jidher li ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha b’dan li l-ewwel talba fil-fatt kienet ammessa mill-bidu u jidher li anke qabel ma giet istitwita l-kawza.

“Il-Qorti giet mitluba tillikwida d-danni sofferti, u dawn (eskluz dak li diga gie mhallas ghall-vettura) jammontaw ghal €73,192.68.

“Tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu *in solidum* dawn id-danni hekk likwidati.

“Dwar spejjez, dwar l-ewwel talba u l-ewwel eccezzjoni bla taxxa, waqt li l-aspetti l-ohra, inkluz dritt registru kontra l-intimati *in solidum*.”

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Ottubru 2014 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Ikkonsidrat;

**AGGRAVJI TAL-KONVENUTI**

Kif inghad l-appellanti qed jappellaw mis-sentenza ghaliex qed jitolbu l-ewwelnett in-nullita` tas-sentenza ghar-ragunjiet li se jigu msemmija aktar ’il quddiem, u finalment li huma ghandhom jigu kkundannati ghal hlas ta’ danni inqas minn dak ordnat mill-ewwel Qorti.  Kif jidher minn dak illi gia` ssemma’, ir-responsabbilita` ghall-incident qatt ma kienet in diskussjoni.

**L-ewwel aggravju** tal-appellanti huwa li l-esperti medici ma tawx il-gurament lill-appellat meta huma ghamlulu l-ezamijiet rispettivi taghhom; kwindi qed jitolbu lill-Qorti tiddikjara nulli dawn ir-rapporti u allura tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti.  **It tieni aggravju** huwa li l-istess esperti ma kienux avzaw lill-partijiet bid-dati ta’ meta kienu se jezaminaw lill-appellat u qed jitlobu d-dikjarazzjoni ta’ nullita` anke a bazi ta’ dan l-aggravju.  Peress li dawn l-aggravji qed jirrizultaw fl-istess talba se jigu trattati flimkien.

Il-Qorti taqbel mal-osservazzjoni tal-appellanti illi idealment il-perit (sija mediku u sija tekniku) *ghandu jinforma lill-partijiet* bid-dati tas-seduti li fihom ikun se jsir l-ezami tad-danneggjat anke jekk tapprezza li fil-maggoranza tal-kazi ma jkunx prudenti u certament mhux konsiljabbli (minhabba s-sensittivita` ta’ certi

kazi) li l-ezami mediku nnifsu jsir quddiem terzi persuni. Taqbel ukoll li peress li f'certi kazi l-perit jitlob informazzjoni minghand id-danneggjat, illi din l-informazzjoni ghandha tittiehed taht gurament u tigi registrata mill-istess espert li ghandu jsemmiha fir-rapport. Dan biex meta r-rapport jigi mahluf sija lill-espert u sija lill-istess attur ikunu jistghu jsirulu d-domandi necessarji mill-Avukat tal-konvenut u anke mill-Qorti jekk thoss li jkun il-kaz. Dan nonostante l-fatt illi l-Artikoli 644 sa 682 tal-Kodici tal-Procedura ma jindikaw imkien dawn l-obbligi izda huwa desiderabbli li l-proceduri kollha f'kawza jsiru bl-akbar trasparenza possibbli.

Madankollu dawn il-fatti kienu gia` a konoxxenza tal-appellanti qabel ma giet deciza l-kawza fl-ewwel grad u kellhom ghalhekk kull hin necessarju biex jitolbu r-rimedji mehtiega matul il-kors tal-kawza f'dak l-istadju. Infatti r-rapporti gew mahlufa fir-Registru tal-Qorti wara l-awtorizzazjoni tal-istess Qorti permezz tad-digrieti tat-13 ta' Mejju 2010 u 9 ta' Lulju 2010. Anzi kif sewwa irrimarka l-appellat fir-risposta tieghu, l-appellanti lanqas ma ghamlu uzu mill-procedura li jitolbu nomina ta' periti addizjonali jew li ghall-inqas jaghmlu domandi in eskussjoni.

Fil-kawza deciza fl-24 ta' Jannar 1979 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Carmelo Schembri v. Pio Vassallo** intqal li *fejn in nullita` eccepita ma titqajjimx quddiem il-Qorti tal-Ewwel Grad, ma tistax tinghata meta l-parti li*

*teccepiha f'Sede tal-Appell tkun baqghet taghmel jew, ghad li taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru attijiet ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullita`*. (riportata fis-sentenza **Monica Caruana et v. Joseph Borg et**, deciza fl-24 ta' Novembru 2003 mill-istess Qorti).

Ghalhekk l-aggravji msemmija huma respinti.

**It tielet aggravju** huwa dwar il-***quantum*** tad-danni likwidati favur l-attur mill-ewwel Qorti. L-ilment tal-appellanti huwa bazikament dwar il-grad ta' dizabilita` li gie applikat u wkoll li l-ewwel Qorti kien messha naqqset l-ammont likwidat minnha b'ghoxrin fil-mija (u mhux bit-18%) peress li l-appellat kien se jircievi somma f'daqqa (l'hekk imsejjha *lump sum deduction*).

Il-Qorti fir-rigward ta' likwidazzjoni ta' danni f'incidenti simili se ticcita s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Turner v. Agius** tat-28 ta' Novembru 2003 meta qalet illi f'*kazi bhal dawn ma tezisti ebda formula magika;* il-Qrati dejjem ippruvaw jaslu ghal soluzzjoni gusta skont il-kaz partikolari. Wiehed ghalhekk ma jiskantax li jsib sentenzi li m'humiex daqstant uniformi specjalment fir-rigward ta' formoli matematici ibbazati fuq id-dizabilita` li tirrizulta u l'hekk imsejjah 'multiplier'. F'dan l-appell, l-appellanti qed jilmentaw fuq il-fatt li peress li giet riskontrata dizabilita` psikologika ta' 44% u dizabilita` prettament

fizika ta' 8% b'rizultat tal-incident, l-ewwel Qorti allura hadmet is-somma finali fuq dizabilita` totali ta' 49%. Dwar il-*multiplier* prattikat mill-ewwel Qorti mhux qed isir appell.

Naturalment meta l-Qorti tkun rinfaccjata b'aktar minn dizabilita` wahda li jkun sofra l-attur, il-kompitu taghha jsir aktar difficli. F'din il-kawza l-ewwel Qorti adottat is-sistema li kienet inkluza f'Abbozz ta' Ligi relattiv (li ma dahalx *in vigore*) fejn permezz tal-formola hemm indikata waslet ghal percentwal ta' 49%.

Il-Qorti tissotolinja l-fatt li hemm differenza bejn kaz bhal dak odjern fejn tirrizulta dizabilita` fizika u ohra psikologika u kazi fejn jirrizultaw dizabiltajiiet fizici f'aktar minn parti wahda tal-gisem. F'kazi bhal dawn tal-ahhar, il-formola msemmija taghmel sens u tassikura li dawn id dizabiltajiet ma jeccedux il-mija fil-mija ghaliex altrimenti persuna tigi akkordata danni akbar minn dawk rizultanti minn mewt. Fil-kaz odjern, l-appellat qed isofri minn dizabilita` psikologika – izda din id dizabilita` hija naxxenti minn dik fizika li fil-verita` hija hafna anqas. Ghalhekk f'kaz bhal dan ghal din il-Qorti ma jaghmilx sens li d-danni totali jinhadmu fuq grad ta' dizabilita` li jeccedi dak ta' dik psikologika li gia` hija konsiderevolment aktar minn dik fizika.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Xuereb v. Spalding** deciza fl-10 ta’ Lulju 2003, il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili adoperat percentwal ta’ dizabilita` ta’ 10% meta l-perit mediku iccertifika dizabilita` ta’ 20% fl-ghajn tal-attur b’kawza tal-incident. Dan huwa fil-fehma tal-Qorti mod tajjeb kif wiehed jikkalkula d-dizabilita` totali tal-gisem billi jsir l’hekk imsejjah ‘weighting’ tal-varji dizabilitajiet biex wiehed jasal ghal total gust. F’dan il-kaz pero` l-istess Qorti kellha l-komfort u sostenn tal-opinjoni tal-istess espert li kien gie nominat minnha peress li fl-istess relazzjoni tieghu huwa kien indika l-fehma tieghu fir-rigward.

F’dan il-kaz quddiemha il-Qorti ma ghandha ebda opinjoni li tista’ tirreferi ghaliha; hija pero` l-fehma taghha li fil-kaz in ezami, billi d-d dizabilita` psikologika temana minn dik fizika u hija sostanzjalment akbar, hija ghandha tadotta bhala total id-dizabilita` psikologika wahedha u allura tahdem is-somma li ghandha tithallas fuq persentagg ta’ 44% u ghalhekk tassorbi d-dizabilita` fizika maghha.

Kwantu ghar-riduzzjoni ghal-hlas f’daqqa il-Qorti taqbel mal-appellanti li ma kienx hemm xi dewmien fil-kawza li kien jiggustifika li jigi adoperat tnaqqas ta’ 18% minflok 20. Il-kawza giet deciza ftit iktar minn sena minn meta giet intavolata u ghalhekk se tilqa’ dan l-aggravju wkoll anke jekk permezz tal-appell il-konventi imbaghad tawlu il-proceduri. Fuq dan pero` l appellanti ma kellhom ebda tort.

Ghalhekk l-ammont kif mahdum fuq dizabilita` ta’ 44% is-somma ta’ €12,107.57 ghal tlettax-il sena jigi jammonta ghal €69,225.30 u wara li jitnaqqas l-20% jasal ghal total ta’ €55,374.20.

**APPELL INCIDENTALI**

Peress illi s-sentenza appellata ma semmiet xejn dwar interessi, l-appellat intavola appell incidentali fejn talab li dawn jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata stess.

Il-Qorti taqbel perfettament dwar dan; kif qalet din l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Vassallo v. Camilleri** deciza minnha fil-31 ta’ Jannar 2014;

> *“Ma hemmx dubbju illi normalment il-Qrati taghna jimxu mal-principju ‘**in illiquidis non fit mora**’. Madankollu kif gie espress per ezempju fis-sentenza fl-ismijiet* **Citadel Insurance v. Johan Ciantar** (**Prim Awla – 20 ta’ Gunju 2002**) li *meta talba ghall-hlas ta’ danni hija maghrufa jew facilment determinabbli sa minn qabel jibdew il-proceduri gudizzjarji li jkollhom jittiehdu biex jintalab dak il-hlas, l-imghax ghandu jiddekorri minn dak in-nhar li ssir l-ewwel intima b’att gudizzzjarju (jekk dan ikun sar) u mhix minn dak in-nhar li eventwalment tinghata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont.”*

Il-Qorti (fis sentenza **Vassallo v. Camilleri**) kompliet qalet illi

> *"Infatti jista' jigri, u spiss gara illi d-debitur pjenament konoxxenti ta' dan kien jadopera kull mezz possibbli biex itawwal il-proceduri u b'dan il-mod jippriva lill-kreditur mir-rimborz gust tieghu ghaliex huwa evidenti illi bit-trapass taz-zmien il-valur tal-flus dejjem jonqos u wkoll jippriva lill-kreditur mill-uzu ta' flus li huwa ghandu dritt ghalihom."*

Anke fis-sentenza **Turner v. Agius** gia` msemmija intqal illi;

> *"Dwar id-dekorrenza tal-imghax, il-Qorti irriteniet illi l-imghax fejn it-talba kienet 'da liquidare' ma kellux jghaddi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni propju minhabba l-principju 'in liquidandis non fit mora'. Il-Qorti ziedet pero` li l-imghax kellu jghaddi mid-data tal-ewwel sentenza peress li f'dak il-mument il-konvenut kellu ideja tac-cifri involuti izda kien naqas milli jiddepozita ebda parti mill-ammont ta' danni sabiex jezimi ruhu mir-responsabbilita`."*

Fis-sentenzi ta' din il-Qorti msemmija infatti gie akkordat il-hlas ta' imghax mid-data tas-sentenza li kienet giet appellata u din il-Qorti se taghmel l-istess f'din il-kawza.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell tal-konvenuti billi tichad it-talbiet taghhom biex jigu dikjarati nulli r-rapporti medici msemmija u li tigi

dikjarata nulla s-sentenza appellata izda tilqghu fejn talbu r-riforma tas-sentenza fil-parti fejn gew ikkundannati jhallsu d-danni u dan billi tordna li s-somma li ghandhom ihallsu lill-attur tkun ta’ hamsa u hamsin elf tliet mija u erbgha u sebghin euro u ghoxrin centezmu (€55,374,20) minflok dik likwidata mill-ewwel Qorti; tilqa’ l-appell incidentali tal-attur u tordna li l-hlas ikun ukoll bl-imghax li jibda jghaddi mid-data tas-sentenza appellata. L-ispejjez tal-ewwel istanza kif deciz f’dik is-sentenza appellata; dawk tal-appell principali ghandhom jithallsu kwantu ghal hames sesti ($^{5}/_{6}$) mill-appellanti u sest ($^{1}/_{6}$) mill-appellat; dawk tal-appell incidentali a kariku tal-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------